

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/655**tal-10 ta' Marzu 2023**

li tistabbilixxi l-allokazzjoni definittiva tal-ghajjnuna tal-Unjoni lill-Istati Membri għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel u għall-ħalib fl-iskejjel għall-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu 2023 u l-31 ta' Lulju 2024 u li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/493

(notifikata bid-dokument C(2023) 1532)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajjnuniet u rifiżjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(6) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/39 ⁽²⁾, l-Istati Membri li jixtiequ jieħdu sehem fl-iskema ta' għajjnuna tal-Unjoni għall-provvista ta' frott u ħxejjex, banana u ħalib fl-istabbilimenti edukattivi (l-iskema għall-iskejjel), għandhom jippreżentaw it-talba tagħhom lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar ta' kull sena għall-ghajjnuna tal-Unjoni b'rabta mas-sena skolastika li jmiss, u jekk applikabbli, jaġġornaw it-talba għall-ghajjnuna tal-Unjoni b'rabta mas-sena skolastika attwali.
- (2) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-iskema għall-iskejjel, jenħtieġ li tiġi ffixxata l-allokazzjoni tal-ghajjnuna tal-Unjoni għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel u għall-ħalib fl-iskejjel fost l-Istati Membri parteċipanti, abbażi tal-ammonti indikati fit-talba għall-ghajjnuna tal-Unjoni minn dawk l-Istati Membri u billi jitqiesu t-trasferimenti bejn l-allokazzjonijiet indikattivi tal-Istat Membru msemmija fl-Artikolu 23a(4), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾.
- (3) L-Istati Membri kollha nnotifikaw lill-Kummissjoni bit-talba tagħhom għall-ghajjnuna tal-Unjoni għall-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu 2023 u l-31 ta' Lulju 2024, billi speċifikaw l-ammont ta' għajjnuna mitluba għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel jew għall-ħalib fl-iskejjel, jew għaż-żewġ partijiet tal-iskema. Fil-każ tal-Belġju, ta' Franza, tan-Netherlands u tal-Iżvezja, l-ammonti mitluba qiesu t-trasferimenti bejn l-allokazzjonijiet indikattivi.
- (4) Sabiex jiġi massimizzat il-potenzjal sħiħ tal-fondi disponibbli, jenħtieġ li l-ghajjnuna tal-Unjoni li ma tiġix mitluba, tiġi allokata mill-ġdid lill-Istati Membri li jieħdu sehem fl-iskema għall-iskejjel, u li fit-talba tagħhom għall-ghajjnuna tal-Unjoni jindikaw li huma lesti jużaw aktar mill-allokazzjoni indikattiva tagħhom, jekk ikunu disponibbli riżorsi addizzjonali.
- (5) Fit-talba tagħha għall-ghajjnuna tal-Unjoni għall-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu 2023 u l-31 ta' Lulju 2024, l-Iżvezja talbet anqas mill-allokazzjoni indikattiva għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel. Il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, Spanja, il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja nnotifikaw li huma lesti jużaw aktar mill-allokazzjoni indikattiva għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel. L-ebda Stat Membru ma talab anqas mill-allokazzjoni indikattiva għall-ħalib fl-iskejjel.

⁽¹⁾ ĠU L 346, 20.12.2013, p. 12.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/39 tat-3 ta' Novembru 2016 dwar ir-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-ghajjnuna tal-Unjoni għall-provvista ta' frott u ħxejjex, banana u ħalib fl-istabbilimenti edukattivi (ĠU L 5, 10.1.2017, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KEE) Nru 1037/2001 u (KEE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

- (6) Abbażi tal-informazzjoni notifikata mill-Istati Membri, jenħtieġ li tiġi ffsata l-allokazzjoni definittiva tal-għajnuna tal-Unjoni għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel u għall-ħalib fl-iskejjel għall-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu 2023 u l-31 ta' Lulju 2024.
- (7) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/493 ⁽⁴⁾ tistabbilixxi l-allokazzjoni definittiva tal-għajnuna tal-Unjoni għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel u għall-ħalib fl-iskejjel fost l-Istati Membri li jixtiequ jieħdu sehem fl-iskema għall-iskejjel għall-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu 2022 u l-31 ta' Lulju 2023. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1187 ⁽⁵⁾ emendat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/493 fir-rigward tal-allokazzjoni definittiva tal-għajnuna tal-Unjoni lill-Istati Membri għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel u għall-ħalib għall-iskejjel għall-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu 2022 u l-31 ta' Lulju 2023, biex jitqiesu t-tieni talbiet għall-għajnuna tal-Unjoni mressqa mill-Istati Membri skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/861 ⁽⁶⁾ għal dak l-istess perjodu.
- (8) Fin-notifiki mressqa sal-31 ta' Jannar 2023 skont l-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/39, xi Stati Membri aġġornaw it-talba tagħhom għall-għajnuna tal-Unjoni b'rabta mas-sena skolastika 2022/2023. Il-Ġermanja, Spanja, in-Netherlands, l-Awstrija u l-Finlandja nnotifikaw it-trasferimenti bejn l-allokazzjoni definittiva għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel u l-allokazzjoni definittiva għall-ħalib fl-iskejjel. Il-Ġermanja u n-Netherlands talbu anqas mill-allokazzjoni indikattiva għall-ħalib fl-iskejjel. Iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, is-Slovakkja u l-Iżvezja nnotifikaw li huma lesti jużaw aktar mill-allokazzjoni indikattiva għall-ħalib fl-iskejjel.
- (9) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/493 tiġi emendata skont dan.
- (10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-allokazzjoni definittiva tal-għajnuna tal-Unjoni għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel u għall-ħalib fl-iskejjel fost l-Istati Membri li jieħdu sehem fl-iskema għall-iskejjel għall-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu 2023 u l-31 ta' Lulju 2024 hija stabbilita fl-Anness I.

Artikolu 2

L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2022/493 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/493 tal-21 ta' Marzu 2022 li tistabbilixxi l-allokazzjoni definittiva tal-għajnuna tal-Unjoni lill-Istati Membri għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel u għall-ħalib fl-iskejjel għall-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu 2022 u l-31 ta' Lulju 2023 u li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/462 (ĠU L 100, 28.3.2022, p. 55).

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1187 tas-7 ta' Lulju 2022 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/493 fir-rigward tal-allokazzjoni definittiva tal-għajnuna tal-Unjoni lill-Istati Membri għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel u għall-ħalib fl-iskejjel għall-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu 2022 u l-31 ta' Lulju 2023 (ĠU L 184, 11.7.2022, p. 56).

⁽⁶⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/861 tal-1 ta' Ġunju 2022 li jistabbilixxi regoli eċċezzjonali għat-tieni talbiet tal-Istati Membri għall-għajnuna tal-Unjoni għall-frott u l-ħxejjex għall-iskejjel u għall-ħalib fl-iskejjel u li jidderoga mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/39 fir-rigward tar-riallokazzjoni tal-għajnuna tal-Unjoni, għall-perjodu mill-1 ta' Awwissu 2022 sal-31 ta' Lulju 2023 (ĠU L 151, 2.6.2022, p. 42).

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Marzu 2023.

Għall-Kummissjoni
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membri tal-Kummissjoni

ANNEX I

Sena skolastika 2023/2024

Stat Membru	Allokazzjoni definittiva għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel f'EUR	Allokazzjoni definittiva għall-ħalib fl-iskejjel f'EUR
Il-Belġju	3 815 785	1 433 417
Il-Bulgarija	2 185 256	1 800 090
Iċ-Ċekja	3 473 993	3 048 057
Id-Danimarka	1 739 147	1 632 431
Il-Ġermanja	21 196 752	8 910 720
L-Estonja	412 360	754 955
L-Irlanda	1 966 159	826 537
Il-Greċja	3 149 503	1 464 086
Spanja	13 922 472	6 023 462
Franza	18 176 401	14 523 309
Il-Kroazja	1 322 043	610 533
L-Italja	15 293 816	6 910 347
Ċipru	300 828	252 652
Il-Latvja	671 180	868 581
Il-Litwanja	923 603	1 236 781
Il-Lussemburgu	297 570	193 000
L-Ungerija	2 994 731	2 970 122
Malta	290 000	193 000
In-Netherlands	5 722 702	1 632 699
L-Awstrija	2 414 539	1 015 027
Il-Polonja	12 565 488	12 791 591
Il-Portugall	2 804 412	1 301 261
Ir-Rumanija	6 178 236	11 303 390
Is-Slovenja	689 729	305 638
Is-Slovakkja	1 915 162	1 659 402
Il-Finlandja	1 672 943	2 731 455
L-Iżvezja	0	8 316 782
Total	126 094 810	94 709 325

ANNEX II

"ANNEX I

Sena skolastika 2022/2023

Stat Membru	Allokazzjoni definittiva għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel fEUR	Allokazzjoni definittiva għall-ħalib fl-iskejjel fEUR
Il-Belġju	3 405 460	1 613 199
Il-Bulgarija	2 145 826	1 030 342
Iċ-Ċekja	3 515 512	2 000 127
Id-Danimarka	1 855 060	1 578 658
Il-Ġermanja	20 867 400	9 614 058
L-Estonja	520 903	779 265
L-Irlanda	1 811 303	1 033 661
Il-Greċja	3 221 670	1 550 685
Spanja	13 442 293	6 152 902
Franza	16 271 478	16 146 588
Il-Kroazja	1 390 541	800 354
L-Italja	17 117 780	8 003 535
Ċipru	390 044	400 177
Il-Latvja	658 180	748 041
Il-Litwanja	966 451	1 135 641
Il-Lussemburgu	295 111	205 725
L-Ungerija	3 122 448	1 945 693
Malta	293 504	201 724
In-Netherlands	6 006 511	642 270
L-Awstrija	2 401 768	944 680
Il-Polonja	12 494 071	10 739 507
Il-Portugall	3 283 397	2 220 981
Ir-Rumanija	6 900 318	10 455 944
Is-Slovenja	570 823	311 770
Is-Slovakkja	1 872 965	1 070 557
Il-Finlandja	1 799 047	3 624 689
L-Iżvezja	0	9 233 498
Total	126 619 864	94 184 271"